TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

7

Avviż Numru CCT 60/18/F

**Jonathan Bilocca**

**vs**

**Maltapost P.l.c.**

Illum 31 t'Awwissu, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 t'April, 2018 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn, u wieħed u erbgħin ewro, u ħamsa u tmenin ċenteżmi (€241.85), rappreżentanti pakkett li bagħat l-Ingilterra bit-tracking, u li kellu xi affarijiet ġo fih u dan intilef.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien bagħat damaged item ġo pakkett bħala parcel u l-posta ta' Malta kellha tibagħtu barra bl-AR card. Irriżulta li dan il-parcel intilef. Illi l-Maltapost ma ġabrux il-card fiż-żmien u ma laħqux bagħtuha, u meta daħħal in-numru tal-Paypal, it-transazzjoni kienet invalida u *unable to deliver,* u għalqu l-każ. Il-Paypal trid tagħtihom l-informazzjoni sa ċertu żmien u dan il-Maltapost m'għamlitux.

Il-Maltapost issottomettiet illi r-rikorrenti jmissu għamel insurance għal parcel li bagħat barra u li skont il-liġi Artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali Kap 254 tal-Liġijiet ta' Malta, l-operatur postali, f'dan il-każ il-Maltapost p.l.c., m'għandux obligu li jagħti ebda kumpens minħabba nuqqas ta' konsenja, u l-uniku kumpens li huwa obligat li jagħti huwa ta' €51.97.

It-Tribunal, tenut kont ta' dawn il-liġijiet, jinnota pero' li kien hemm negliġenza daparte tas-soċjeta' ntimata li allura t-Tribunal jiddikjara li qed jissospendi b'effett tal-liġijiet stante din it-traskuraġni ossia negliġenza u tagħti r-raġun lir-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija, u tnejn u għoxrin ewro (€122), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888